*appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali iddikjarat irritu u null għaliex ma sarx fil-parametri stabbiliti mis-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 – l-appell tas-soċjetà ntimata ma jolqot l-ebda punt ta' liġi u jirrigwarda biss l-apprezzament tal-fatti kif magħmul mit-Tribunal – electa una via non datur recursus ad alteram – appell inċidentali nterpost mir-rikorrent iddikjarat li huwa improponibbli ġaladarba r-rikorrent qiegħed iressaq id-difiża tan-nullità tal-appell prinċipali*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 16/2023 LM

**Robert Dimech (K.I. nru. 803356(M))**
*('ir-rikorrent')*

***vs*.**

**Air Malta p.l.c. (C 2685)**
*('l-intimata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huma żewġ appelli magħmulin wieħed prinċipali mill-intimata soċjetà **Air Malta p.l.c. (C 2685)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata"], u l-

ieħor inċidentali mir-rikorrent **Robert Dimech (K.I. nru. 803356(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], fil-konfront tad-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-7 ta' Frar, 2023, fil-Kwistjoni tax-Xogħol nru. 3567/GV, fejn it-Tribunal iddeċieda t-talba tar-rikorrent kif ġej:

> *"...s-soċjetà ntimata, Air Malta plc (C2685) għandha ħtija ta' sittin fil-mija (60%), mentri r-rikorrent għandu erbgħin fil-mija (40%) tal-ħtija.*
>
> *Ghaldaqstant is-soċjetà ntimata, Air Malta plc għandha tħallas lir-rikorrent, Robert Dimech, dan il-persentaġġ ta' sittin fil-mija (60%) tal-ammont mitlub mir-rikorrent fl-affidavit tiegħu, u għalhekk iċ-ċifra ta' sebgħa u sittin elf, ħames mija u erbgħa Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmi **(€67,504.21ċ)** fi żmien xahar mid-data tad-deċiżjoni odjerna.*
>
> *Għall-finijiet tal-Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qiegħed jistabbilixxi d-drittijiet tar-rappreżentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17ċ għal kull rappreżentant legali.*
>
> *Għalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xogħol."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw l-impjieg tar-rikorrent mas-soċjetà intimata bħala *aircraft engineer*, liema mpjieg ġie terminat fit-13 ta' Marzu, 2017 wara li l-Bord ta' Dixxiplina intern tas-soċjetà intimata sabitu ħati fuq uħud mill-akkużi li kienet ressqet fil-konfront tiegħu l-istess soċjetà intimata.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-28 ta' Ġunju, 2017 permezz ta' rikors fil-konfront tas-soċjetà intimata, fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

*"...jogħġbu jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti ma kinitx għal raġuni ġusta fil-liġi, oltre li jiġi dikjarat li l-passi dixxiplinari kontra l-esponent kienu b'diskrimnazzjoni kontra tiegħu. Huwa jitlob li jkun ikkumpensat kemm minħabba t-tkeċċija ingusta kif ukoll minħabba t-trattament diskriminatorju, oltre li jitlob li* jiġi re-instated.*"*

4. Is-soċjetà intimata wieġbet billi ppreżentat ir-risposta tagħha quddiem it-Tribunal fid-19 ta' Settembru, 2017, fejn eċċepiet is-segwenti:

*"1) Illi l-impjieg tar-rikorrent mas-soċjetà intimata ġie terminat għal raġunijiet tajba u suffiċjenti fil-liġi u għalhekk ir-rikors promotur ma jimmerita ebda akkoljiment.*

*2) Illi r-rikorrent ġie proċessat skont il-proċedura ta' dixxiplina maqbula fil-Ftehim Kollettiv. Għalhekk dan it-Tribunal għandu jillimita l-eżerċizzju tiegħu għal li jikkonferma li din il-proċedura ġiet segwita u m'għandux jiddisturba l-apprezzament tal-provi li wasal għalih il-Bord ta' Dixxiplina, u l-appell relattiv li nstema' wkoll skont id-dettami tal-Ftehim Kollettiv.*

*3) Illi l-allegazzjoni li s-soċjetà ntimata eżerċitat xi pressjoni indefita fuq iċ-chairman tal-ewwel istanza kif ukoll fuq il-membri tal-bord tal-appelli hi allegazzjoni mill-aktar gratuwita u nveritiera, u għandha tiġi rtirata.*

*4) Illi s-sejbien ta' ħtija kif ukoll is-sanzjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg kienu l-konsegwenzi naturali u idoneji in vista tar-riżultati xejn sbieħ, u serji, li emerġew waqt dan il-każ fil-konfront tar-rikorrent.*

*5) Illi l-każwali ta' diskriminazzjoni tirrażenta l-fritolu billi dak allegat mir-rikorrent ċertament li ma jirrientrax fid-definizzjoni ta' diskriminazzjoni kif kontemplata fil-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż."*

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

*"Dan it-Tribunal fir-rigward ta' din il-kwistjoni ta' xogħol għandu biċċa xogħol iebsa ferm sabiex jasal għall-konklużjoni tiegħu. It-Tribunal jinnota li l-partijiet kontendenti resqu argumenti validi ħafna u għalhekk hu kompitu ta' dan it-Tribunal li jeżamina dak li qalu x-xhieda u kif ukoll il-provi mressqa, u dan kif hekk għamel dan it-Tribunal f'din il-kwistjoni odjerna.*

*It-Tribunal jinnota li s-soċjetà ntimata tħares lejn ir-rikorrent minn angolu kemmxejn strett u fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal ma ħaristx lejn it-tlett mija u sittin grad tas-sitwazzjoni li kellha quddiemha. Mill-banda l-oħra dan it-Tribunal ukoll iqis li r-rikorrent ukoll kellu n-nuqqasijiet tiegħu sabiex wasal għat-terminazzjoni mill-impjieg tiegħu.*

*It-Tribunal iħoss, u dan kif irriżulta mill-provi, li l-atteġġjament tar-rikorrent kien sproporzjonat speċjalment meta dan kien joqgħod jagħmel ċerti eżerċizzji fiżiċi quddiem il-kollegi tiegħu.* Multo magis, *u wara li jlesti minn dawn l-eżerċizzji kien joqgħod jitranġa ħwejġu quddiem l-istess kollegi tiegħu. Inoltre, t-Tribunal ma jistax jifhem għalfejn ir-rikorrent kien daqshekk ossessjonat li kull meta kien joħroġ mill-uffiċċju kien jagħmel xi tip marki, bħal* tape, *mal-bieb tal-uffiċċju biex jara jkunx daħallu xi ħadd. La l-uffiċċju kien jissakkar u kien jieħu ċ-ċavetta miegħu ma kellux għalfejn ikun daqshekk preokkupat. Inoltre, jekk kien jidħol xi ħadd dan kien se jidher mill-*cameras *tas-sigurtà li kien hemm installati.*

*L-istess għall-ossessjoni li kellu r-rikorrent dwar x'kienet tagħmel Silvana Agius. It-Tribunal għalkemm jifhem li mhux sewwa li jkun hemm min jabbuża u jitlaq minn fuq il-post tax-xogħol x'ħin jidhirlu hu/hi, mill-banda l-oħra kien hemm rimedji oħra li r-rikorrent seta' rrikorra għalihom. Jekk għas-saħħa tal-argument il-Manager, Stefan Grech kien qiegħed jinjora lir-rikorrent dwar dan l-allegat abbuż minn Silvana Agius, ir-rikorrent kellu jinforma bil-kitba lis-superjuri tal-istess Stefan Grech, u dan dejjem jekk dan l-allegat abbuż minn Silvana Agius kien qiegħed jikkawza preġudizzju fl-operat tax-xogħol li kien involut fih ir-rikorrent.*

*Cioe nonostante, t-Tribunal jinnota li l-intenzjoni tar-rikorrent kienet ferm differenti minn hekk, u dan stante l-fatt li r-rikorrent, u dan kif irriżulta mill-provi kien qiegħed iddejjaq lil Silvana Agius bl-imġiba tiegħu. Li r-rikorrent li kien joqgħod isaqsi lil Agius fejn tmur fi tmiem il-ġimgħa u jindaga fuq il-ħajja personali tagħha żgur li mhux inaċċettabbli, u dan stante li lill-istess Silvana Agius kienet uriet id-disaprovazzjoni tagħha għal dan l-aġir. La dan kollu kien qiegħed idejjaq lil Silvana Agius, bħala persuna matura u responsabbli, l-istess rikorrent kellu jkun konxju ta' dan kollu.*

*Illi b'analoġija mad-dritt Ingliż, il-fastidju (*harassment) *huwa maqsum fi tlett kategoriji. L-awtur Norman Selwyn jispjega dawn it-tlett tipi ta' fastidju:*

4.33 The Act defines three types of harassment that are of general application, and for a further definition of harassment which relates specifically to employment situations.

a) A person harasses another if he engages in unwanted conduct which has the purpose or effect of violating that other person's dignity, or creating an intimidating, hostile, degrading, humiliating or offensive environment for that person. Motivation is irrelevant. This type of harassament applies to all the protected characteristics apart from preganancy and maternity, and marriage and civil partnership.

b) A person harasses another if he engages in any form of unwanted verbal non-verbal or physical conduct of sexual nature that has the effect of violating a person's dignity, or creating an intimidating, hostile, degrading, humiliating, or offensive environment for that order. This type of harassment applies to all protected characteristics.

c) The third type of harassment is where one or more persons engage in conduct of a sexual nature, or that is related to gender reassignment or sex, and has the purpose or effect of violating another person's diginity, or creating a hostile, a degrading, humiliating, or offensive environment, and because the person offended rejects or refuses to submit to the conduct he is treated less favourable than he would have been had he not rejected or submitted to the conduct. Again, this type of harassment applies to all the protected characteristics (fn. *12 Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 4.33, p. 124.)*

*Il-liġi nostrana f'dan ir-rigward, ossia, l-fastidju, hu elenkat f'artikolu 29 tal-Kap 452, li jistipula:*

29.(1) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidju lil impjegat ieħor jew jagħti fastidju lill-prinċipal billi jassoġġetta lil dik il-persuna għal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, li rigward dik il-persuna huma bbażati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistgħu raġonevolment jiqiesu bħala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn dik il-persuna.

(2) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidju sesswalment lil impjegat ieħor jew lill-prinċipal (hawn hekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu imsejħa "l-vittma") billi –

(a) jassoġġetta l-vittma għal xi att ta' intimità fiżika; jew
(b) jitlob favuri sesswali mill-vittma; jew
(ċ) jassoġġetta l-vittma għal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, fejn –

(i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u jistgħu raġonevolment jiqiesu bħala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn il-vittma;
(ii) il-vittma tiġi ttrattata b'mod differenti, jew jista' raġonevolment jiġi antiċipat li l-vittma tista' tiġi hekk trattata, bħala riżultat tat-tiċħid jew is-sottomissjoni tagħha għal dak l-att, dik it-talba jew dik il-kondotta (fn. *13 Artikolu 29 tal-Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452, tal-Liġijiet ta' Malta.)*

*Illi minn dak hawn fuq ċitat, fil-kwistjoni odjerna jirriżulta, li r-rikorrent għalkemm ma wettaqx fastidju sesswali, u dan stante li l-Bord tal-Appelli ma sabux ħati minn din l-akkuża, xorta jibqa' l-fatt li l-atteġġjament tiegħu kien mhux mixtieq, u għalhekk offensiv lejn il-vittma. Dan it-Tribunal hu tal-istess opinjoni tal-Bord tal-Appelli, u dan stante li minn dak li xehdet l-istess vittma, ossia Silvana Agius, il-kondotta tar-*

*rikorrent għalkemm kienet qiegħda b'xi mod tkun offensiva għall-istess Silvana Agius, din il-kondotta ma irriżultax f'fastidju sesswali. Dan it-Tribunal iqis li din kienet kondotta offensiva da parti tar-rikorrent, u li kellu jiddessiti mill-ewwel meta Silvana Agius urietu li ma kelliex pjaċir b'din il-kondotta tiegħu fil-konfront tagħha.*

*Illi b'dan it-tip ta' atteġġjament ir-rikorrent ikkontribwixxi mhux ftit sabiex is-soċjetà ntimata iddeċidiet li tittermina l-impjieg tar-rikorrent. Dwar din it-tip ta' negliġenza kontributorja it-Tribunal għandu jieħu in konsiderazzjoni dawn l-istanti, ossia l-azzjonijiet tar-rikorrent li b'xi mod ikkontribwew għad-deċiżjoni ta' tkeċċija mill-impjieg. L-awtur ġia ċitat, Norman Selwyn, dwar din it-tip ta' negliġenza jsostni li:-*

> 17.228 Where an employment tribunal finds that the dismissal was to any extent caused or contributed to by any action of the claimant, it shall reduce the amount of the compensatory award by such proportion as it thinks just and equitable, having regard to that finding (ERA s 126 (6)). In Nelson v BBC (No2), the Court of Appeal stated that there are three matters which must be taken into account under this heading. First, the action of the employee must be culpable or blameworthy; second that the action must have caused or contributed towards the dismissal; and third, it must be just and equitable to reduce the compensatory award by the specified proportion. For example, in Scottish Co-operative Wholesale Society Ltd v Lloyd a dismissal was held to be unfair because no specific warning had been given to the claimant. But he failed to reply to complaints which had been made against him, failed to obey certain instructions and failed to achieve a modest sales target. All these factors were held to be conduct which contributed towards the dismissal and therefore grounds for reducing the compensatory award (fn. 14. Selwyn's Law of Employment 22nd Edition - Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 17.228, p. 474.)

*L-istess awtur jgħid li għandu jkun it-Tribunal li għandu jiddetermina l-valutazzjoni tal-perċentaġġ ta' dik il-kondotta kontributorja u li din hi kwistjoni ta' fatt.*

> 17.233 The assessment of the percentage reduction to be taken into account because of contributory conduct is essentially a question of fact, to be determined by the employment tribunal (Hollier v Plysu Ltd) (fn. 15 Ibid – para 17.233, p. 476)

*Mill-banda l-oħra dan it-Tribunal għandu wkoll riservi kbar dwar il-*bona fede *tas-soċjetà ntimata, fejn kif irriżulta mill-provi hekk voluminużi li gew ippreżentati f'din il-kwistjoni ta' xogħol, u li dan it-Tribunal fela bir-reqqa kollha. Żgur li ma hemm ebda dubju dwar il-prestazzjonijiet u l-effiċjenza tar-rikorrent fir-rigward tal-mansjonijiet tiegħu. Mill-istess affidavits tad-diversi mpjegati jidher ċar li r-rikorrent kien impjegat diliġenti ħafna u professjonali fix-xogħol tiegħu. Filwaqt li kif ħareġ mill-istess provi, r-rikorrent kellu karattru kemmxejn ambigwu, u l-atteġġjament tiegħu ma kienx mill-aktar feliċi versu ma' wħud mill-kollegi l-oħra tiegħu, Robert Dimech kellu ħafna tajjeb ukoll. Cio nonostante, dan ma għandux jikkanċella dak it-tajjeb kollu li r-rikorrent għamel għas-soċjetà ntimata. Mill-affidavits tal-kollegi tiegħu jirriżulta li tul is-snin ir-rikorrent dejjem ra kif iġib 'il quddiem is-soċjetà ntimata (Air Malta plc) u jaħdem fl-aħjar interess tagħha.*

*It-Tribunal f'dawn it-tip tas-sitwazzjonijiet, u li ma humiex faċli għalih, ikun f'posizzjoni li josserva l-komportament tax-xhieda li jkunu xehdu quddiemu, u b'hekk ikun jista' jiddetermina l-veraċità tagħhom. It-Tribunal ikkunsidra dan kollu u kien hemm xhieda, fosthom Stefan Grech, li fil-kontro-eżami dehru skomdi ħafna meta kienu rinfaċċjati bid-domandi tar-rappreżentant legali tar-rikorrent. Dan it-Tribunal minn dan l-aspett jaqbel ma dak li hemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, fejn inħolqot klima ta' demonizazzjoni tar-rikorrenti (fn. 16 Nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrent, pagna 13.).*

*Is-soċjetà ntimata, u dan kif ukoll ħareġ mill-provi mressqa kellha xi tip ta'* grudge *r-rikorrent, u li din baqgħet tiżviluppa tul is-snin. F'kumpannija hekk kbira bħal ma hi s-soċjetà ntimata hija ħaġa normali li jkun hemm dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet, bejn is-superjuri u l-impjegati.*

*Dawn iċ-ċirkostanzi jwasslu għal diżgwid ta' opinjonijiet dwar l-operat, u kif ukoll jidħol l-orgolju personali* (personal pride). *Għalhekk dan it-Tribunal għalkemm bl-ebda mod mhu qiegħed jiġġustifika l-atteġġjament tar-rikorrent fil-konfront ta' Silvana Agius, is-soċjetà ntimata nefħet din is-sitwazzjoni li l-istess rikorrent ħoloq hu stess u wara li s-soċjetà ntimata adderixxiet ruħha mall-Ftehim Kollettiv, ressqet lir-rikorrent quddiem il-Bord ta' Dixxiplina fejn instab ħati, ta' tlett akkużi minn ħamsa u sussegwentement quddiem il-Bord tal-Appelli, kien ġie lliberat mill-akkuża tal-fastidju sesswali, u kkonferma z-żewġ akkużi l-oħra, dik ta'* stalking *u ta' kondotta ħażina fuq il-post tax-xogħol. It-Tribunal iqis li s-soċjetà ntimata kienet ħarxa wisq mar-rikorrent meta ħadet din id-deċiżjoni ta' tkeċċija fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel lok is-soċjetà ntimata ma ħaditx in konsiderazzjoni ż-żmien li kien ilu mpjegat magħha r-rikorrent u li dejjem kien impjegat diliġenti, u kif ukoll tal-fatt li wara li kienu ġew eżawriti l-proċeduri ta' dixxiplina, ossia wara d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli, ma ġiex ikkunsidrat li ġie liberat mill-akkuża tal-fastidju sesswali, liema akkuża kienet l-aktar gravi mill-akkużi l-oħra li bihom kien mixli r-rikorrent. L-awtur Selwyn jgħid li f'dawn iċ-ċirkostanzi t-Tribunali tal-Impjiegi fil-passat kienu nkonsistenti meta kienu jittrattaw dan it-tip ta' sitwazzjonijiet.*

> 12.45 Employment tribunals have, in the past, been most inconsistent in dealing with rules which contain automatic as opposed discertionary sanctions (fn. 17 Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 12.45, p.366)

*Inoltre, kif ġia sar aċċenn aktar 'l fuq, Tribunal Industrijali normalment ma jiddisturbax deċiżjonijet li jkunu ttieħdu minn Bord ta' Dixxiplina, u dan meta tali deċiżjonijiet ikunu ekwi u ġusti.*

> 12.23 As a general rule it is not appropriate that the courts intervene to remedy minor irregularities in the course of disciplinary proceedings between the employer and the employee – its role is not the 'micro-management' of such proceedings: Kulkarni v Milton Keynes Hospital

NHS Foundation Trust (paras 12.28 and 12.30). Such intervention would produce unncessary delay and expenses, but in the case of Chhabra v West London Mental health NHS Trust the irregularities were more of a serious nature (fn. 18 Ibid – par. 12.23, p.361)

*Cio nonostante, t-Tribunal iqis li fis-sitwazzjoni odjerna d-deċiżjoni ta' terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent kienet wisq eċċessiva tenut kont tal-fatt li l-akkużi li nstab ħati tagħhom ir-rikorrenti huma minuri. It-Tribunal iqis li kien hemm orkestrazzjoni sħiħa da parti tas-soċjetà ntimata u li riedet issib kull skuża sabiex tittermina l-impjieg tar-rikorrent. Din is-sitwazzjoni li nqagħlet bejn ir-rikorrent u Silvana Agius serviet ta' skużanti sabiex ir-rikorrent jitkeċċa mill-impjieg. Inoltre, ir-rikorrent ukoll ikkontribwixxa u għamel il-parti tiegħu sabiex is-soċjetà ntimata waslet għal din it-terminazzjoni.*

*Illi għalhekk, it-Tribunal irid ukoll jikkonsidra kull każ skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, ossia fil-fattispeċi tiegħu. Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri, l-Onorabbli Qorti sostni li:*

Ovvjament kull każ irid jiġi deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt:

i. Jekk l-impjegat huwiex ħati ta' kondotta ħażina;
ii. Fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandix tagħti lok għat-tkeċċija. Sabiex jasal għal deċiżjoni f'dan is-sens, ovvjament it-Tribunal irid iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi (fn. 19 Qorti tal-Appell (Inferjuri) Appell Nru. 29/2015, per Onor. Mħallef Anthony Ellul, 28 ta' April 2017, fl-ismijiet Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited.)

*Illi dwar id-diskriminazzjoni dan it-Tribunal mhux jara li seħħet xi diskriminazzjoni li mpattat lir-rikorrent. L-istanzi li ssemmew matul il-kors ta' din il-kwistjoni ta' xogħol kienu sitwazzjonijiet li ġraw fil-passat bħal fil-każ tal-kors meta r-rikorrent ma kienx intbagħat u sussegwentement kien attenda għalih. Għall-bqija mill-provi mressqa ma rriżultawx sitwazzjonijiet ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent kif hemm stipulat fl-artikolu 26 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi kif ġia ġie spjegat f'deċiżjonijiet oħra ta' dan it-Tribunal, il-kumpens li jasal għalih it-Tribunal għandu jkun in linea ma' dak li jkun għadda minnu l-impjegata/a. Il-Qrati tagħna wkoll indikaw il-mod u x'għandu jieħu in konsiderazzjoni t-Tribunal Industrijali sabiex jasal ghall-kumpens ġust u xieraq. Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) f'diversi deċiżjonijet elenkat l-istanti li Tribunal Industrijali għandu jikkonsidra sabiex jasal għall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'għandu jikkonsidra sabiex jasal għal tali kumpens (fn. 20 Appell Ċivili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (Operations) Ltd deċiża fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mħallef Anthony Ellul, u Appell Ċivili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deċiża fil-11 ta' Frar 2019, per l-Onorevoli Mħallef Anthony Ellul, u Appell*

*Civili Nru. 160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De la Rue Currency and Security Limited deċiż 11 ta' Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mħallef Anthony Ellul.*

*Ir-rikorrent ukoll ikkontribwixxa bl-aġir tiegħu għal din it-terminazzjoni, u dan kif ġia sar aċċenn aktar il-fuq, u ta' dan it-Tribunal ukoll se jieħu in konsiderazzjoni, kif ġia seħħ fid-deċiżjonijiet preċedenti fejn l-aġir tar-rikorrent ġie meħud in konsiderazzjoni.*

*Ir-rikorrent, fl-affidavit tiegħu ħadem ammont ta' mija tnax-il elf, ħames mija u sebgħa Ewro u żewġ ċenteżmi (€112,507.02ċ) bħala telf li hu sofra minn kemm ilu li tkeċċa mill-impjieg tiegħu (fn. 21 Affidavit tar-rikorrent, paġna 28). Inoltre, r-rikorrent kien qiegħed isibha diffiċli li jsib impjieg minħabba l-età avvanzata tiegħu, iżda jrid ukoll jiġi meħud kont tal-fatt li r-rikorrent spiċċa f'dawn iċ-ċirkostanzi minħabba n-nuqqasijiet tiegħu."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà ntimata ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Frar, 2023, fejn qiegħda titlob għat-tħassir u għar-revoka tad-deċiżjoni appellata, filwaqt li jintlaqgħu l-aggravji tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) id-deċiżjoni appellata hija legalment żbaljata għaliex tmur kontra l-elementi ta' dak li jikkostitwixxi tkeċċija nġusta; (b) id-deċiżjoni appellata hija wkoll legalment żbaljata għaliex tmur kontra l-prinċipju ta' *audi alteram partem;* u (ċ) it-Tribunal għamel apprezzament skorrett tal-fatti u tal-provi prodotti.

7. Ir-rikorrent wieġeb fid-29 ta' Marzu, 2023, fejn preliminarjament jirrileva li l-appell tas-soċjetà ntimata huwa null u bla effett skont is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, stante li l-ebda wieħed mit-tliet aggravji jittratta punt ta' liġi. Jiddikjara li kontestwalment huwa qiegħed jippreżenta appell inċidentali fejn ifisser li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) ma kienx konsentit lill-Bord tad-Dixxiplina, lill-Bord tal-Appell u lanqas lit-Tribunal, li jieħdu konjizzjoni ta'

pseudo ilmenti dwar inċidenti li allegatament seħħew snin qabel saru l-proċeduri ta' dixxiplina; (b) it-Tribunal wasal sabiex naqqas 40% tal-kumpens li kellu jieħu, għaliex straħ fuq xhieda li kienet inammissibbli jew ġiet ribattuta bi provi kuntrarji; (ċ) kemm-il darba tirriżulta *mala fede* min-naħa tal-prinċipal, ma jkunx hemm kontributorjetà ta' ħtija min-naħa tal-impjegat; u (d) it-Tribunal iddeċieda li l-istanzi ta' diskriminazzjoni li huwa kien qajjem ma kienux jinkwadraw fil-parametri stabbiliti mill-artikolu 26 tal-Kap. 452. Għalhekk huwa qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tbiddel id-deċiżjoni appellata, billi tikkonfermaha fejn din iddeċidiet li t-tkeċċija tiegħu kienet waħda nġusta, u li huwa kien jixraqlu jirċievi kumpens, iżda tirrevokaha fejn sabet li huwa kien ikkontribwixxa għar-raġuni li wasslet għat-tmiem tal-impjieg tiegħu, u b'hekk tbiddel l-ammont ta' kumpens dovut mingħand is-soċjetà ntimata sabiex jirċievi wkoll il-ħlasijiet kollha mitlufa minnu minħabba l-imsemmija tkeċċija nġusta.

8. Is-soċjetà ntimata wieġbet għall-appell inċidentali fl-4 ta' Mejju, 2023, fejn issottomettiet li dan għandu jiġi miċħud minn din il-Qorti li għandha tgħaddi sabiex tilqa' l-appell prinċipali.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk l-appell principali huwa ammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Skont ir-rikorrent, l-ebda aggravju li qiegħda tressaq is-soċjetà ntimata jirrigwarda punt ta' liġi, u jispjega kif kull wieħed mill-aggravji tagħha filfatt jittratta biss punt ta' fatt.

10. Il-Qorti tikkunsidra qabel xejn li t-talba mressqa mir-rikorrent quddiem it-Tribunal fil-konfront tas-soċjetà ntimata tirrigwarda kwistjonijiet dwar l-allegata tkeċċija nġusta tiegħu u tal-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant m'hemmx dubju li appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal seta' biss isir mill-partijiet rispettivi *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Il-Qorti tagħraf mill-ewwel li tassew l-appell tas-soċjetà ntimata ma jolqot l-ebda punt ta' liġi, u jirrigwarda biss l-apprezzament tal-fatti kif magħmul mit-Tribunal, u ser tispjega aħjar il-fehma tagħha b'riferiment għal kull aggravju ttrattat mis-soċjetà ntimata.

11. L-imsemmija soċjetà ntimata tfisser li l-ewwel aggravju tagħha huwa li d-deċiżjoni appellata hija legalment żbaljata għaliex tmur kontra l-elementi ta' dak li jikkostitwixxu tkeċċija nġusta. Is-soċjetà ntimata taqbad l-argument li ċ-*charges* li kienu ħarġu fil-konfront tar-rikorrent kienu serji tassew, hekk kif ippruvati quddiem it-Tribunal, u tgħaddi sabiex taċċenna fuq diversi sitwazzjonijiet fejn skont hi kienu jirriżultaw nuqqasijiet serji li kienu jitolbu t-tkeċċija tar-rikorrent. Il-Qorti tgħid li m'hemmx dubju li f'dan l-argument kollu ma jirriżulta l-ebda punt ta' liġi, iżda biss differenzi fl-opinjoni tagħha dwar l-apprezzament tal-fatti kif magħmul mit-Tribunal.

12. Barra minn hekk, għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju, fejn għalkemm is-soċjetà ntimata tibda billi tgħid li d-deċiżjoni appellata hija wkoll żbaljata għaliex tmur kontra l-prinċipju ta' *audi alteram partem,* tispjega ruħha billi tissottometti li t-Tribunal ma ħax konjizzjoni tal-provi kollha li tressqu quddiemu, u dawk li ġew ikkunsidrati ma ġewx ikkunsidrati fl-istess qies. Hawnhekk il-Qorti mill-ewwel tosserva li s-soċjetà intimata tonqos milli tindika

liema huma dawn il-provi li allegatament ma tqiesux jew li ma tqiesux bl-istess mod, u dan kuntrarjament għal dak li ġara fil-każijiet li għalihom hija stess tagħmel riferiment in sostenn tal-argument tagħha, u fejn l-appellanti ndikat b'mod partikolari l-affidavits li allegatament ma kienux ġew ikkunsidrati mit-Tribunal. Is-soċjetà ntimata hawnhekk ukoll tagħti interpretazzjoni tal-prinċipju *audi alteram partem* b'mod li tista' tgħin l-argument tagħha, saħansitra billi tiċċita iżda tinterpreta skorrettement lill-awturi **Wade & Forsyth**, li essenzjalment jikkunsidraw il-prinċipju fid-dawl tal-evidenza li jixtiequ jressqu l-partijiet u mhux li jkunu ressqu bħal m'huwa l-każ hawnhekk. Madankollu din l-interpretazzjoni bl-ebda mod ma tersaq viċin dak li tassew jitlob dan il-principju. Il-Qorti b'hekk ma ssib l-ebda argument hawnhekk li jolqot punt ta' liġi.

13. Dwar it-tielet aggravju tagħha, il-Qorti hawnhekk ukoll issib li s-soċjetà ntimata mhijiex qiegħda tirrileva l-ebda punt ta' liġi. Dan huwa evidenti mill-ewwel għaliex hija stess tistqarr li tinstab aggravata bil-fatt li t-Tribunal għamel apprezzament skorrett tal-fatti u tal-provi prodotti, tant li s-sottomissjonijiet tagħha li jsegwu huma marbutin ma' dan l-ilment.

14. Għaldaqstant il-Qorti tikkunsidra li tassew l-appell tas-soċjetà ntimata ma sarx fil-parametri stabbiliti mis-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, u tiddikjarah irritu u null.

15. Dwar l-appell inċidentali nterpost mir-rikorrent, il-Qorti tgħid li dan huwa improponibbli ġaladarba huwa qiegħed iressaq id-difiża tan-nullità tal-appell prinċipali. Dan huwa skont l-insenjament konsistenti tal-Qrati tagħna kif

imfisser sew fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **V. Attard Works Ltd *vs.* St. Michael School**[1], u anki bl-applikazzjoni tal-prinċipju legali *electa una via non datur recursus ad alteram.* Ġaladarba r-rikorrent għażel li jattakka s-sisien tal-appell prinċipali, huwa ma jistax b'mod kontradittorju għall-aħħar jinqeda bih bħallikieku kien wieħed validu, u jieħu l-opportunità li jintavola appell huwa wkoll mid-deċiżjoni appellata. Għaldaqstant il-Qorti tgħid li l-appell inċidentali ma jiswiex ukoll.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell prinċipali u tiddikjarah irritu u null, stante li ma sarx skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Ġaladarba l-appell prinċipali qed jiġi ddikjarat null, il-Qorti lanqas ma tista' tieħu konjizzjoni tal-appell inċidentali.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, u dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu in kwantu għall-appell prinċipali mis-soċjetà intimata, u in kwantu għall-appell inċidentali mir-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

---

[1] App.Sup. 339/2010SC.